# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 22 ta' Marzu 2018**

**Kawza Numru : 26**
**Rikors Guramentat Numru : 864/2017/LSO**

**Stuart Kelvin George *sive* George Chapman (K.I. 016408L)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Stuart Kelvin George sive George Chapman detentur tal-karta tal-identita' bin-numru

0164608L datat 22 ta' Settembru 2017 fejn bir-rispett jikkonferma dawn il-fatti bil-gurament: -

Illi l-esponenti **Stuart Kelvin George sive George Chapman (K.I. 016408L)** twieled fir-Renju Unit fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija tmienja u hamsin (1958) iben Stanley Ivan Chapman u Jean Chapman nee' Vella kif jidher mill-estratt tal-Att tat-Twelid mahrug fir-Renju Unit li jgib in-numru 396 anness u mmarkat bhala "Dok GC1", liema twelid gie sussegwentement irregistrat Malta hekk kif jidher vera kopja tal-Att tat-Twelid registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bin-numru 1646 anness u mmarkat bhala "Dok GC2".

Illi l-esponenti konsistement matul hajtu uza' u kien imsejjah bl-isem "George" u mhux "Stuart Kelvin George" kif indikat fl-Att tat-Twelid;

Illi dan johrog car minn numru ta' dokumenti ufficjali li fihom l-esponenti huwa msejjah bhala George u mhux Stuart Kelvin George, fosthom il-permess ta' residenza tal-istess esponenti mahrug *ai termini* tar-Regolament (EEC) No. 1612/68 tal-Kunsill ghall-Komunitajiet Ewropej anness u mmarkat bhala "Dok GC3". Illi anke l-Passaport Malti bin-numru 893138 mahrug fis-sena elfejn u tmienja (2008) jaqra George Chapman, liema kopja certifikata ta' tali Passport qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dok GC4".

Illi peress li ghandu cittadinanza Ingliza u ghamel diversi snin jghix gewwa l-Ingilterra lura fis-sena elfejn u wiehed (2001) huwa iffirma *Change of Name Deed* li permezz tieghu huwa rrinunzja u abbanduna l-uzu tal-ismijiet Stuart Kelvin u kkonferma li mid-data tal-Att u cioe' l-erba' (4) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed (2001) l-atti u pubblikazzjonijiet kollha ghandhom jaqraw "George". Kopja certifikata ta' dan l-att qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dok GC5". Illi di fatti kwalunkwe dokumenti antecedenti ghal *Change of Name Deed* inkluz passaporti u licenzja tas-sewqan ("Dok GC6") inhargu fuq l-isem George Chapman.

Illi effettivament l-izball huwa wiehed car u manifest, konsegwenza ta' liema zball inholoq inkonvenjent lill-esponenti *stante* illi ma tistax tipprocedi bil-proceduri tal-*causa mortis* ta' zewgha;

Illi ghalhekk hemm diskrepanza bejn l-isem miktub fl-att tat-twelid u atti ohra tal-istat civili u l-isem li fil-fatt bih huwa maghrufa u dan *stante* l-fatt li hija maghrufa bhala George u mhux Stuart Kelvin George.

Illi din id-diskrepanza qed tikkawza problemi lir-rikorrenti, fosthom mal-linja tal-arju li jahdem maghha l-esponenti.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti tixtieq li ssir korrezzjoni fl-atti tal-istat civili taghha *ai termini* ta' Artikolu 253 ta' Kap 16 b'dan illi isimha jigi mibdul minn Stuart Kelvin George ghal George.

Ghaldaqstant, u *in vista* tas-suespost, l-esponenti bir-rispett titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u provvedimenti ohra illi jidhrilha xierqa u opportuni joghgobha:

1. Tiddikjara li r-rikorrenti kien konsistentement matul hajtu msejjah bhala George u mhux Stuart Kelvin George *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tal-Twelid registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku bin-numru 1646, b'dan illi ismu jigi korrett minn Stuart Kelvin George ghal George;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja kontra pagament lill-esponenti, certifikat intier tat-twelid bil-korrezzjonijiet u annotazzjonijiet relattivi;

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ Novembru 2017.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 24 ta’ Ottubru 2017 (fol 22) fejn Av. Astrid May Grima ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess Direttur bil-gurament taghha ddikjara u kkonfermat is-segwenti: -

Illi preliminarjament huwa mehtieg li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ssir id-

debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponenti teccepixxi ukoll illi *stante* dawn il-proceduri jittrattaw korrezzjoni f' Att tat-Twelid, l-ligi toffri rimedju ordinarju iehor taht Artikolu 278A(2) tal-Kodici Civili, li jistipula:

*"kull persuna tista' titlob lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, permezz ta' dikjarazzjoni ffirmata sottomessa fil-Formula V li tinstab fil-Taqsima II tal-Ewwel Skeda ma' dan il-Kodici, biex taghmel annotazzjoni fl-att ta ' twelid taghha jew fir-Registru ta' Persuni Adottati sabiex:*

*(a) tikkoregi xi varjazzjonijiet zghar ortografici f'isimha;*

*(b) tuza "isem li bih ghandha tissemma" li jirrizulta minn xi att ta' stat civili ta' dik il-persuna jew minn dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport:*

*Izda dan l-att ta' stat civili jew dokument Malti ta' identifikazzjoni jew passaport ta' din il-persuna jkunu gew mahruga qabel l-1 ta' Dicembru 2012";*

3. Illi subordinatament u bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponenti tiddikjara li mhijiex edotta mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

4. Illi l-esponenti umilment tirrileva li ma jirrizultax mill-Att ta' Twelid tar-rikorrent, anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1646 tas-sena 2008, li kien effettivament sar xi zball jew saret xi ommissjoni mill-esponent;

5. Illi l-esponenti rregistrat l-att tat-twelid tar-rikorrent wara talba maghmula taht l-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, illi specifikament jippermetti r-registrazzjoni ta' Att Civili li jkun inhareg minn awtorita' kompetenti barranija, gewwa l-Gzejjer Maltin, wara li l-kovenut ikun sodisfatt mill-awtenticta' tal-Att esteru in kwistjoni;

6. Illi tali registrazjoni mill-konvenut ssir *ad verbatim*, u ghaldaqstant jekk isem ir-rikorrent fl-Att tat-Twelid tieghu gie mnizzel bhala 'Stuart Kelvin George', l-esponenti kellha l-obbligu li tirregistra l-istess isem fl-Att tat-Twelid mahrug mill-konvenut. Dan isir *nonstante* l-fatt li persuna, bhar-rikorrent, jkun ghazel li jbiddel ismu permezz ta' *Change of Name Deed* f' pajjiz esteru;

7. Illi *stante* s-suespost, jidher car li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti l-konvenut u li finalment l-istess konvenut ottempora ruhu mal-ligi u rregistra l-Att tat-Twelid esteru skont l-informazzjon li kienet inserita fl-istess Att, liema Att jinsab anness u mmarkat 'Dok. DRP 2':

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti tiddikjara li ma ssibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-

rikorrent u ghaldaqstat tirrimetti ruhha ghall-ghaqli u s-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, salv pero` li jekk ikun il-kaz dan ghandu jipprovdi lill-istess Qorti l-iktar provi li jkunu l-ahjar u sodisfacenti f' ghajnejn il-ligi;

9. Illi finalment minghajr hsara ghall-premess l-esponenti tissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponenti u kwindi hija ma ghandhiex tigi assoggettata ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 6 ta' Frar 2018 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Ellul. Dr Ellul iddikjarat li ma kellhiex provi ulterjuri u rrimettiet ruhha salv ghal-kap tal-ispejjez. Ir-rikorrent u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux, madanakollu l-Qorti giet infurmata li hemm qbil li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2018 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija kawza istitwita *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequens* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament skont il-Ligi nhar it-2 ta' Ottubru 2017 (fol 21), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

**Il-fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Ir-rikorrent twieled fir-Renju Unit fit-28 ta' Dicembru 1958, kif jidher mill-att tat-twelid esebit bhala Dok GC1, liema twelid gie sussegwentement registrat f'Malta kif jidher minn Dok GC2. Jirrizulta li matul hajtu r-rikorrent kien maghruf bhala 'George' mhux bhala 'Stuart Kelvin George'. Ghalhekk, fis-sena 2001, huwa ffirma *Change of Name Deed* fir-Renju Unit, esebit bhala Dok GC5. Hu esebixxa dokumenti li fihom huwa indikat biss bhala 'George', inkluz il-licenzja tas-sewqan fir-Renju Unit, mahruga fl-2016 u l-passaport Ingliz, mahrug f'Gunju 2001 sussegwentement ghac-*change of name deed* li kien inhareg fl-2001.

Illi c-certifikat tat-twelid inhareg mir-Registru Pubbliku f'Malta *ai termini* tal-**artikolu 244 tal-Kap 16** li jiddisponi:

*"**244.** (1) Kull att ta' twelid, ta' zwieg, ta' unjoni ta' stat ekwivalenti kif imfissra fl-Att dwar l-Unjonijiet Civili jew ta' mewt ta' cittadin ta' Malta maghmul jew registrat f'pajjiz barrani minn awtorita` kompetenti f'dak il-pajjiz, li ma jkunx*

*att maghmul jew registrat skont l-artikolu 270 (1) jew (2), jista' fuq talba ta' kull min ikollu interess u wara li d-Direttur* tar-Registru Pubbliku jkun sodisfatt dwar l-awtenticita` ta' dak l-att, jigi registrat f'dawn il-gzejjer bl-istess mod bhallikieku kien att maghmul minn wahda mill-persuni msemmija f'dan it-Titolu.

*(2) Il-persuna li taghmel it-talba ghandha, ghall-finijiet tar-registrazzjoni, tikkonsenja lid-Direttur l-att li dwaru tkun saret dik it-talba."*

Illi ghalhekk taqbel li r-registrazzjoni saret korrettement billi kellha tirrifletti c-certifikat tat-twelid tar-rikorrent mahrug fir-Renju Unit.

**<u>Dritt:</u>**

Illi dwar ir-rikonoxximent tad-"deed poll", f'kaz simili ghal dak taht ezami, **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, gie ribadit hekk mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2011:

*"illi ghal dak illi jirrigwarda d-"deed poll", ghalkemm din mhijiex debitament awtentika il-Qorti tara illi gie ppruvat illi l-Awtoritajiet Inglizi imxew fuq din id-"deed poll" u hargu l-passaport tal-attur b'kunjom missieru u ghal din il-fini giet esebita fotokopja tal-passaport Ingliz mahrug f'isem l-attur ... bil-kunjom Mallia mill-Awtoritajiet Inglizi."*

F' dak il-kaz il-Qorti tal-Appell kompliet:

*"Din il-Qorti mhux sodisfatta bil-prova li saret. Ma gietx esebita kopja ufficjali ta' dan l-hekk imsejjah "deed poll", u lanqas prova tar-registrazzjoni taghha mal-awtoritajiet Inglizi…………Il-fatt li l-awtoritajiet Inglizi hargu l-passaport fuq l-attur bil-kunjom Mallia ma jistax jitqies prova ta' aktar minn dan."*

*"Fuq kollox, dan il-kaz kien jirrikjedi li tigi pprezentata kopja ufficjali tad-"deed poll" u tar-registrazzjoni taghha, u xhieda tal-effetti ta' dik l-istqarrija taht il-ligi Ingliza. Din il-Qorti ma gietx infurmata jekk b'rizultat ta' dak id-"deed poll" saritx xi annotazzjoni fuq ic-certifikat tat-twelid Ingliz tal-attur, ma saritx 'proof of foreign law', f'dan il-kaz tal-ligi Ingliza, dwar il-validita` u l-effetti ta' dik id-deed poll. Dik il-prova kienet tispetta lill-attur, u skont principji ta' dritt internazzjonali privat, jekk ma ssirx tali prova, il-prezunzjoni hi li l-ligi estera hi simili ghal dik Maltija. Fil-fatt fil-kawza* ***Saliba vs Lawson****, deciza minn din il-Qorti fit-12 ta' Frar 1932, intqal li:*

*'chi invoca in un giudizio l'applicazione di una legge straniera assume l'onore della prova dello stato di quella legge per rilevarne le differenze dalla legge locale, come dimostrazione di un punto di fatto, e non basta meramente citare quella legge;mancando tale prova, e` da applicare la legge locale.'*

*"Taht il-ligi Maltija wiehed ma jistax jirrinunzja ghall-kunjom u jadotta iehor, u kwindi, taht il-ligi Maltija, dak id-"deed*

*poll" jitqies null. Kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li taht il-ligi Ingliza dak id-dokument hu validu u ghandu l-effetti li jippretendi."*

Il-Qorti mbaghad ikkonkludiet:

*"Ghalkemm ma hemmx zball fis-sens tal-ligi, din il-Qorti kienet tkun disposta li tordna li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega fuq l-att tat-twelid tal-attur biex jigi indikat li hu maghruf bil-kunjom 'Mallia', kieku saret il-prova fuq indikata u gie muri bic-car li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat Ingliz, pero`, fin-nuqqas ta' din il-prova, din il-Qorti ma setghetx taqbel mat-talbiet tal-attur."*

(Ara wkoll f'dan is-sens **Damian Jean Carlo Vincent Borg *sive* Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku** deciza minn din il-Qorti kif hekk presjeduta fis-16 ta' Lulju 2015).

Ghalhekk, mill-kaz deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, jirrizulta li biex jirnexxi u l-Qorti tkun tista' tirrikonoxxi *deed poll* f'pajjiz esteru, trid issir il-prova mir-rikorrent li sar id-*deed poll,* u tingieb prova tal-effetti tieghu skont il-ligi tal-pajjiz koncernat, u li saret xi forma ta' registrazzjoni tal-bidla fuq ic-certifikat esteru.

**Applikazzjoni ghall-kaz in ezami:**

Fil-kaz odjern, jirrizulta li r-rikorrent kien originarjament imwieled fir-Renju Unit u ismu kif jidher fl-att tat-twelid

esteru kien 'Stuart Kelvin George'. Izda, f'dokumenti ufficjali Dok GC3 mahrug fil-21 ta' Marzu 2006, fil-permess tar-residenza, u fil-passaport Malti Dok GC4, huwa indikat bhala 'George'. Illi fic-*Change of Name Deed* datat 4 ta' Gunju 2001 fir-Renju Unit, ismu inbidel minn 'Stuart Kelvin George' ghal 'George'. In segwitu, fil-licenzja tas-sewqan mahruga fl-2016 fir-Renju Unit, huwa wkoll indikat bl-isem 'George'. Inoltre, l-passaport Ingliz, esebit a fol 32, mahrug ftit jiem wara d-*deed poll*, ukoll jindika l-isem tar-rikorrent bhala 'George Chapman'.

Ghalhekk, jidher li dan id-'deed poll', datat 4 ta' Gunju 2001, kien rikonoxxut bhala stat ta' fatt fil-pajjiz esteru u cioe` fir-Renju Unit. B'hekk, saret il-prova li sar it-tibdil fl-isem permezz tac-*Change of Name Deed*. *Di piu*`, hemm prova tal-effetti tad-'deed poll' skont il-ligi fil-pajjiz kkoncernat, ossija r-Renju Unit.

Madanakollu ma hemm l-ebda prova li tali bidla giet annotata fuq ic-certifikat tat-twelid originali tieghu jew prova tal-ligi estera kif rikjest mill-gurisprudenza fuq citata.

Dwar dan innotat li l-intimat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent.

Izda, din il-Qorti taqbel ma' dak eccepit mill-intimat, li r-registrazzjoni saret skont l-artikolu 244 tal-Kap 16, kif jidher minn Dok DRP 2 (fol 26). Isegwi li din il-Qorti m'ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tordna korrezzjoni tal-att tat-twelid esteru filwaqt, izda, li tista' tordna li jsiru korrezzjonijiet jew

annotazzjonijiet fl-att mahrug mill-intimat sabiex jirreflettu t-tibdil mitluba f'din il-vertenza.

Infatti t-talba odjerna tirrigwarda tibdil fl-isem u mhux fil-kunjom, u hija konformi ma' dak rikjest mill-**artikolu 253(2) tal-Kap 16** billi jirrizulta ppruvat a soddisfazzjoni ta' din il-Qorti li r-rikorrent kien konsistentement maghruf bl-isem 'George' u mhux' Stuart Kelvin George'.

Illi taqbel inoltre li ma sarx zball da parti tal-intimat, kwindi d-Direttur intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' dan il-kaz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li r-rikorrent kien konsistentement matul hajtu msejjah bhala 'George' u mhux Stuart Kelvin George *ai termini* tal-**artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid kif registrat Numru 1646/2008 b'dan illi ismu jigi korrett minn 'Stuart Kelvin George' ghal 'George';

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jirrilaxxja kontra pagament lir-rikorrent, l-

att tat-twelid bil-korrezzjoni relattiva wara li ssir in-notifika *ai termini* tal-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna wkoll *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta li l-korrezzjoni hawn ordnata ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi in gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur u ssir wkoll referenza ghall-istess sentenza kif imfisser fl-imsemmi disposizzjoni tal-Ligi.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**22 ta' Marzu 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Marzu 2018**